# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 49

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

16 ta' Frar 2023


Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA


★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2020 [2023/279]** ..... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/280]** ..... 2

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/281]** ..... 5

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 4/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/282]** ..... 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/283]** ..... 12

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 6/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/284]** ..... 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/2020 [2023/285]** ..... 21

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/286]** ..... 22


**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/287]** .... 24

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 10/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/288]** .... 26

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/289]** .... 27

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 12/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/290]** .... 29

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/291]** .... 30

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 14/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/292]** .... 32

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/293]** .... 34

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/294]** .... 36

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/295]** .... 38

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/296]** .... 40

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/297]** .... 42

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/298]** .... 44

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 21/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/299]** .... 45

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/300]** .... 47

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 23/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/301]** .... 49

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/302]** ........ 51

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 25/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/303]** ........ 53

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XVI (Akkwisti pubbliċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/304]** ........ 55

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XVII (Proprjetà Intellettwali) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/305]** ........ 57

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/306]** ........ 59

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/2020 tas-7 ta' Frar 2020 li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2023/307]** ........ 60

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 1/2020 [2023/279]

ġiet revokata u għalhekk tħalliet vojta

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 2/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/280]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta' punti ta' kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta' April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 tat-12 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta' spezzjoni, u għall-format, il-kategoriji u l-abbrevjazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-elenkar ta' postijiet ta' kontroll fil-fruntiera u ta' punti ta' kontroll ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081 tat-8 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għat-taħriġ tal-persunal biex iwettaq ċerti kontrolli fiżiċi fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti. Il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar annimali ħajjin, minbarra ħut u annimali tal-akkwakultura. Id-dispożizzjonijiet dwar l-annimali ħajjin, għajr il-ħut u l-annimali tal-akkwakultura, ma għandhomx japplikaw għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1014 jirrevoka, b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, id-Deċiżjonijiet 2001/812/KE ([5]) u 2009/821/KE ([6]), li huma inkorporati fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentament għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(9) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1081 jirrevoka, b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, id-Deċiżjoni 93/352/KEE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha tiġi revokata skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

([1]) ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4.
([2]) ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8.
([3]) ĠU L 165, 21.6.2019, p. 10.
([4]) ĠU L 171, 26.6.2019, p. 1.
([5]) ĠU L 306, 23.11.2001, p. 28.
([6]) ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.
([7]) ĠU L 144, 16.6.1993, p. 25.

(10) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jintroduċi proċeduri ġodda li għandhom japplikaw għall-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera skont il-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim. Konsegwentement, il-paragrafu 4B tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I għandu jiġi emendat skont dan u l-paragrafu 5 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I għandu jitħassar.

(11) Għalhekk jenħtieġ li, l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-paragrafu 4B tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I jinbidel b’dan li ġej:

   “Kontroll tal-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera

   1) Il-kontrolli tal-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera għandhom isiru f’kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA.

   2) L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA tkun intitolata li tipparteċipa fiż-żjarat ta’ kontroll tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-kontroll li għalih issir referenza fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

   3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jorganizzaw żjarat ta’ kontroll bi sħab biex jistabbilixxu rakkomandazzjoni komuni dwar l-eżitu tal-kontroll li ssir referenza għalih fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”

2. It-test tal-paragrafu 5 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I jitħassar.

3. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 11bd (ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:

   “11be. **32019 R 1012**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta’ Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta’ punti ta’ kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta’ kontroll fl-fruntieri (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4).

   11bf. **32019 R 1013**: Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta’ April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta’ ċerti kategoriji ta’ annimali u ta’ oġġetti li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8).

   11bg. **32019 R 1014**: Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 tat-12 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar rekwiżiti minimi għall-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta’ spezzjoni, u għall-format, il-kategoriji u l-abbrevjazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-elenkar ta’ postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera u ta’ punti ta’ kontroll (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 10).

   11bh. **32019 R 1081**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081 tat-8 ta’ Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għat-taħriġ tal-persunal biex iwettaq ċerti kontrolli fiżiċi fil-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera (ĠU L 171, 26.6.2019, p. 1).”

4. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31qd (ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715) tal-Kapitolu II:

   “31qe. **32019 R 1012**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta’ Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta’ punti ta’ kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta’ kontroll fil-fruntieri (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4).

   31qf. **32019 R 1013**: Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta’ April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta’ ċerti kategoriji ta’ annimali u ta’ oġġetti li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8).

   31qg. **32019 R 1014**: Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 tat-12 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar rekwiżiti minimi għall-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta’ spezzjoni, u għall-format, il-kategoriji u l-abbrevjazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-elenkar ta’ postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera u ta’ punti ta’ kontroll (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 10).

31qh. **32019 R 1081**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081 tat-8 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għat-taħriġ tal-persunal biex iwettaq ċerti kontrolli fiżiċi fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera (ĠU L 171, 26.6.2019, p. 1)."

5. It-test tal-punt 21 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/352/KEE), tal-punt 39 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE) u tal-punt 111 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/812/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I jitħassar.

*Artikolu 2*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 164d (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"164e. **32019 R 1012**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta' punti ta' kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fil-fruntieri (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4).

164f. **32019 R 1013**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta' April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8).

164g. **32019 R 1014**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014 tat-12 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta' spezzjoni, u għall-format, il-kategoriji u l-abbrevjazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-elenkar ta' postijiet ta' kontroll fil-fruntiera u ta' punti ta' kontroll (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 10).

164h. **32019 R 1081**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081 tat-8 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għat-taħriġ tal-persunal biex iwettaq ċerti kontrolli fiżiċi fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera (ĠU L 171, 26.6.2019, p. 1)."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2019/1012 u (UE) 2019/1081 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1013 u 2019/1014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 210/2019 tas-27 ta' Settembru 2019 ([8]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
Il-President
Clara GANSLANDT

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([8]) ĠU L4, 5.1.2023, p. 11.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 3/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/281]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehiom dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali ([3]), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati ([4]), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti. Il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

(8) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

([1]) ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18.
([2]) ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31.
([3]) ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51.
([4]) ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 11bh (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:

"11bi. **32019 R 0625**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

11bj. **32019 R 0626**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31).

11bk. **32019 R 0627**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(a): 'IS' u 'NO';

(b) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(c): 'EFTA';

(c) Il-punt A tal-Kapitolu I tal-Anness VI ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.

11bl. **32019 R 0628**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184."

2. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 134 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I, fil-punt 53 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I u fil-punt 31k (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005) fil-Kapitolu II:

"— **32019 R 0627**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183,

— **32019 R 0628**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/628 tat-8 ta' April 2019 (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184."

3. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 31qh (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081) tal-Kapitolu II:

"31qi. **32019 R 0625**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

31qj. **32019 R 0626**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31).

31qk. **32019 R 0627**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(a): 'IS' u 'NO';

(b) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(c): 'EFTA';

(c) Il-punt A tal-Kapitolu I tal-Anness VI ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.

31ql. **32019 R 0628**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184."

*Artikolu 2*

Il-punti li ġej jiddaħħlu wara l-punt 164h (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1081) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"164i. **32019 R 0625**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

164j. **32019 R 0626**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31).

164k. **32019 R 0627**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(a): 'IS' u 'NO';

(b) Fl-Anness II, li ġej għandu jiżdied fil-punt 1(c): 'EFTA';

(c) Il-punt A tal-Kapitolu I tal-Anness VI ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.

164l. **32019 R 0628**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625 u tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626, (UE) 2019/627, kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 183, u (UE) 2019/628, kif rettifikat permezz tal-ĠU L 325, 16.12.2019, p. 184, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 210/2019 tas-27 ta' Settembru 2019 ([5]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([5]) ĠU L 4, 5.1.2023, p. 11.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 4/2020**

**tas-7 ta’ Frar 2020**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/282]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta’ Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta’ emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta’ ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873 tas-7 ta’ Novembru 2019 dwar il-proċeduri fil-postijiet ta’ kontroll fil-fruntiera għat-twettiq koordinat tal-kontrolli uffiċjali intensifikati mill-awtoritajiet kompetenti fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti komposti ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 iħassar, b’effett mill-14 ta’ Diċembru 2019, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 669/2009, li huwa inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement irid jitħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti. Il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti taqa’ barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar annimali ħajjin, minbarra ħut u annimali tal-akkwakultura. Id-dispożizzjonijiet dwar l-annimali ħajjin, għajr il-ħut u l-annimali tal-akkwakultura, ma għandhomx japplikaw għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(7) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

([1]) ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89.
([2]) ĠU L 289, 8.11.2019, p. 50.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 11bl (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:

"11bm. **32019 R 1793**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

11bn. **32019 R 1873**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-proċeduri fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera għat-twettiq koordinat tal-kontrolli uffiċjali intensifikati mill-awtoritajiet kompetenti fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti komposti (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 50)."

2. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31ql (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628) tal-Kapitolu II:

"31qm. **32019 R 1793**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

31qn. **32019 R 1873**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-proċeduri fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera għat-twettiq koordinat tal-kontrolli uffiċjali intensifikati mill-awtoritajiet kompetenti fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti komposti (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 50)."

3. It-test tal-punt 47 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/2009) tal-Kapitolu II jitħassar.

*Artikolu 2*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 164l (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628):

"164m. **32019 R 1793**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

164n. **32019 R 1873**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-proċeduri fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera għat-twettiq koordinat tal-kontrolli uffiċjali intensifikati mill-awtoritajiet kompetenti fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti komposti (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 50)."

2. It-test tal-punt 54zzzzo (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009) jitħassar.

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u (UE) 2019/1873 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 210/2019 tas-27 ta' Settembru 2019 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L 4, 5.1.2023, p. 11.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 5/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/283]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1981 tat-28 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea tal-bebbux, tal-ġelatina u tal-kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 tat-18 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati u ħuxlief u tiben soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128 tat-12 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali u r-regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali għal oġġetti li jiġu kkonsenjati lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni u li huma maħsuba għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew għal bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2129 tal-25 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi ta' rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2130 tal-25 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-operazzjonijiet li jridu jitwettqu waqt il-verifiki tad-dokumenti, tal-identità, u fiżiċi, fuq l-annimali u l-oġġetti li huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u wara li jkunu saru dawn il-verifiki ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2098 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti temporanji tas-saħħa tal-annimali għal kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallewx jidħlu f'pajjiż terz ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2129 tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/360/KE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2130 iħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 136/2004 ([8]) u (KE) Nru 282/2004 ([9]), li huma inkorporati fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

---

([1]) ĠU L 308, 29.11.2019, p. 72
([2]) ĠU L 312, 3.12.2019, p. 1.
([3]) ĠU L 321, 12.12.2019, p. 114.
([4]) ĠU L 321, 12.12.2019, p. 122.
([5]) ĠU L 321, 12.12.2019, p. 128.
([6]) ĠU L 317, 9.12.2019, p. 111.
([7]) ĠU L 158, 25.6.1994, p. 41.
([8]) ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.
([9]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 11.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti. Il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar annimali ħajjin, minbarra ħut u annimali tal-akkwakultura. Id-dispożizzjonijiet dwar l-annimali ħajjin, għajr il-ħut u l-annimali tal-akkwakultura, ma għandhomx japplikaw għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(12) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punt 11bj (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I u fil-punt 31qj (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626) tal-Kapitolu II:

   ", kif emendat minn:

   — **32019 R 1981**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1981 tat-28 ta' Novembru 2019 (ĠU L 308, 29.11.2019, p. 72)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 137 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I:

   "— **32019 R 2007**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 tat-18 ta' Novembru 2019 (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 1)."

3. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 11bn (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:

   "11bo. **32019 R 2007**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 tat-18 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati u ħuxlief u tiben soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 1).

   11bp. **32019 D 2098**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2098 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti temporanji tas-saħħa tal-annimali għal kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li ma jitħallewx jidħlu f'pajjiż terz (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 111).

   11bq. **32019 R 2128**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2128 tat-12 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali u r-regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali għal oġġetti li jiġu kkonsenjati lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni u li huma maħsuba għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew għal bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 114).

   11br. **32019 R 2129**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2129 tal-25 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi ta' rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 122).

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/294]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt 14a (ir-Regolament (KE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

   “— **32019 R 0630**: Ir-Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 (ĠU L 111, 25.4.2019. p. 4).”

2. L-adattament (l) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala adattament (m).

3. L-adattament li ġej għandu jiddaħħal wara l-adattament (k):

   “(l) Fl-Artikolu 469a, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘26 ta’ April 2019’ għandhom jinqraw ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2020 tas-7 ta’ Frar 2020’.”

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2019/630 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta’ Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 111, 25.4.2019, p. 4.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Clara* GANSLANDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 17/2020

## tas-7 ta' Frar 2020

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/295]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/439 tal-15 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070 fir-rigward ta' portafolli ta' parametri referenzjarji, mudelli ta' rappurtar u struzzjonijiet ta' rappurtar li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għar-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 78(2) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/912 tat-28 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi implimentattivi fir-rigward tal-format, l-istruttura, il-lista tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/536 tad-29 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 14at (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE):

   "— **32019 D 0536**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/536 tad-29 ta' Marzu 2019 (ĠU L 92, 1.4.2019, p. 3)."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 14j (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 650/2014):

   ", kif emendat minn:

   — **32019 R 0912**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/912 tat-28 ta' Mejju 2019 (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 3)."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 14m (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2070):

   "— **32019 R 0439**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/439 tal-15 ta' Frar 2019 (ĠU L 90, 29.3.2019, p. 1)."

([1]) ĠU L 90, 29.3.2019, p. 1.
([2]) ĠU L 146, 5.6.2019, p. 3.
([3]) ĠU L 92, 1.4.2019, p. 3.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/439 u (UE) 2019/912 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/536 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

---

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 18/2020

## tas-7 ta' Frar 2020

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/296]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/684 tal-25 ta' April 2019 dwar ir-rikonoxximent tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Ġappun għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi li ssirilhom superviżjoni mill-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ġappun bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-valutazzjoni, tas-soluzzjoni tat-tilwim u tal-marġni tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bcaw (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2031) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31bcax. **32019 D 0684**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/684 tal-25 ta' April 2019 dwar ir-rikonoxximent tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Ġappun għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi li ssirilhom superviżjoni mill-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ġappun bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-valutazzjoni, tas-soluzzjoni tat-tilwim u tal-marġni tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 115, 2.5.2019, p. 11)."

### *Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/684 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 115, 2.5.2019, p. 11.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 19/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/297]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/480 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar strumenti finanzjarji derivattivi li jaqdu biss skopijiet ta' ħheġġjar, tul suffiċjenti ta' ħajjiet il-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil, kriterji ta' valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali u l-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu ċeduti, u t-tipi u l-karatteristiċi tal-faċilitajiet disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31bfh (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31bgc. **32015 R 0760**: Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq terminu twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat Membru/Membri' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Fl-Artikoli 35(3) u (4), il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

31bgca. **32018 R 0480**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/480 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar strumenti finanzjarji derivattivi li jaqdu biss skopijiet ta' ħheġġjar, tul suffiċjenti ta' ħajjiet il-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil, kriterji ta' valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali u l-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu ċeduti, u t-tipi u l-karatteristiċi tal-faċilitajiet disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur (ĠU L 81, 23.3.2018, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 6(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "l-1 ta' Mejju 2019" għandhom jinqraw "sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2020 tas-7 ta' Frar 2020"."

([1]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98.
([2]) ĠU L 81, 23.3.2018, p. 1.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/760 u tar-Regolament Delegat (UE) 2018/480 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
*Clara* GANSLANDT

---

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 20/2020

## tas-7 ta’ Frar 2020

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/298]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward ta’ Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, ta’ Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi u ta’ divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiżdied fil-punt 31l (ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“, kif emendat minn:

— **32019 R 2089**: Ir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2019 (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 17).”

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2019/2089 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
*Clara* GANSLANDT

([1]) ĠU L 317, 9.12.2019, p. 17.
* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 21/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/299]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1274 tad-29 ta' Lulju 2019 dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-parametri referenzjarji fl-Awstralja f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1275 tad-29 ta' Lulju 2019 dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-parametri referenzjarji f'Singapore f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31lq (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1646) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31lra. **32019 D 1274**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1274 tad-29 ta' Lulju 2019 dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-parametri referenzjarji fl-Awstralja f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 30.7.2019, p. 9).

31lrb. **32019 D 1275**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1275 tad-29 ta' Lulju 2019 dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-parametri referenzjarji f'Singapore f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 30.7.2019, p. 13)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1274 u (UE) 2019/1275 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 201, 30.7.2019, p. 9.
([2]) ĠU L 201, 30.7.2019, p. 13.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 22/2020

## tas-7 ta’ Frar 2020

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/300]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/990 tal-10 ta’ April 2018 li jemenda u jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet u l-karti kummerċjali garantiti b’assi (ABCPs) sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS), ir-rekwiżiti għall-assi riċevuti bħala parti minn ftehimiet ta’ retroriakkwist u l-metodoloġiji ta’ valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/708 tas-17 ta’ April 2018 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-mudell li għandu jintuża minn maniġers ta’ fondi tas-suq monetarju meta jipprovdu rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti kif stipulat fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31lrb (id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1275 tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“31m. **32017 R 1131**: Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8), kif emendat minn:

— **32018 R 0990**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/990 tal-10 ta’ April 2018 (ĠU L 177, 13.7.2018, p. 1).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta’ dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f’dan il-Ftehim, it-termini ‘Stat Membru/Stati Membri’ u ‘awtoritajiet kompetenti’ għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Fl-Artikolu 12(c), il-kliem ‘liġi tal-Unjoni’ għandhom jinbidlu bil-kliem ‘dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE’.

(c) Fl-Artikolu 43(2) u fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 43(3), il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’.

(d) Fl-Artikolu 44(1), il-kliem, “Sal-21 ta’ Jannar 2019” għandu jinqara “Fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2020 tas-7 ta’ Frar 2020”.

[1] ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8.
[2] ĠU L 177, 13.7.2018, p. 1.
[3] ĠU L 119, 15.5.2018, p. 5.

31ma **32018 R 0708**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/708 tas-17 ta' April 2018 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mudell li għandu jintuża minn maniġers ta' fondi tas-suq monetarju meta jipprovdu rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti kif stipulat fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 119, 15.5.2018, p. 5).

31mb. **32018 R 0990**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/990 tal-10 ta' April 2018 li jemenda u jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet u l-karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs) sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS), ir-rekwiżiti għall-assi riċevuti bħala parti minn ftehimiet ta' retroriakkwist u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu (ĠU L 177, 13.7.2018, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 2017/1131, tar-Regolament Delegat (UE) 2018/990 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/708 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

---

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 23/2020

## tas-7 ta' Frar 2020

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/301]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/732 tas-17 ta' Mejju 2018 dwar metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi f'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5b (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/674) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"5c. **32018 D 0732:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/732 tas-17 ta' Mejju 2018 dwar metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi f'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 85)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/732 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 23/2018 tad-9 ta' Frar 2018 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 123, 18.5.2018, p. 85.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([2]) ĠU L 323, 12.12.2019, p. 47

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 24/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/302]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1128 tal-1 ta' Lulju 2019 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u għat-tweġibiet maħżuna fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/780/UE ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1128 tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/780/UE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 66da (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/780/UE) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

"**32019 D 1128:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1128 tal-1 ta' Lulju 2019 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u għat-tweġibiet maħżuna fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/780/UE (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 112)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1128 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 177, 2.7.2019, p. 112.
([2]) ĠU L 342, 14.12.2012, p. 46.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 25/2020

## tas-7 ta’ Frar 2020

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/303]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1042 tat-23 ta’ Lulju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012, fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi relatati mal-introduzzjoni ta’ programmi ta’ appoġġ, mal-valutazzjoni psikoloġika tal-ekwipaġġ tat-titjira, kif ukoll mal-ittestjar aleatorju u sistematiku għas-sustanzi psikoattivi biex tiġi żgurata l-idoneità medika tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina u tat-titjira, u fir-rigward tat-tgħammir tal-ajruplani ġodda li jaħdmu b’magna b’turbina b’massa massima ta’ tlugħ iċċertifikata ta’ 5 700 kg jew inqas approvati biex iġorru minn sitta sa disa’ passiġġieri b’sistema ta’ twissija u ta’ għarfien tat-terren ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66nf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32018 R 1042**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/1042 tat-23 ta’ Lulju 2018 (ĠU L 188, 25.7.2018, p. 3).”

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2018/1042 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta’ Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 188, 25.7.2018, p. 3.
* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 26/2020

## tas-7 ta' Frar 2020

## li temenda l-Anness XVI (Akkwisti pubbliċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/304]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1827 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-konċessjonijiet ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1828 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1829 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1830 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti minimi għall-kuntratti ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XVI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XVI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 2 (id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32019 R 1828:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1828 tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 279, 31.10.2019, p. 25)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 4 (id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32019 R 1829**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1829 tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 279, 31.10.2019, p. 27)."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 5c (id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32019 R 1830**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/1830 tal-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 279, 31.10.2019, p. 29)."

4. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 6f (id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32019 R 1827**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1827 tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 279, 31.10.2019, p. 23)."

([1]) ĠU L 279, 31.10.2019, p. 23.
([2]) ĠU L 279, 31.10.2019, p. 25.
([3]) ĠU L 279, 31.10.2019, p. 27.
([4]) ĠU L 279, 31.10.2019, p. 29.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2019/1827, (UE) 2019/1828, (UE) 2019/1829 u (UE) 2019/1830 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 27/2020

## tas-7 ta' Frar 2020

## li temenda l-Anness XVII (Proprjetà Intellettwali) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/305]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks ([1]) kif rettifikata permezz tal-ĠU L 110, 26.4.2016, p. 5, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Direttiva (UE) 2015/2436 tirrevoka, b'effett mill-15 ta' Jannar 2019, id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha tiġi revokata skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XVII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 13 (id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"14. **32015 L 2436**: Id-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 1), kif rettifikata permezz tal-ĠU L 110, 26.4.2016, p. 5.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-Artikoli 4(1)(i) u 4(1)(l), il-kliem 'leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat' jinbidel b''leġiżlazzjoni taż-ŻEE jew il-liġi nazzjonali tal-Istat tal-EFTA kkonċernat'. Il-kliem 'ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istat Membru kkonċernat huwa parti' jinbidel bi 'ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Istat tal-EFTA kkonċernat huwa parti'.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-Artikoli 4(1)(j) u 4(1)(k), il-kliem 'leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni hija parti' jinbidel b''leġiżlazzjoni taż-ŻEE jew ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Istat tal-EFTA kkonċernat huwa parti'.

(c) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-Artikolu 4(3)(a) il-kliem 'liġi għajr il-liġi tat-trade marks tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Unjoni' jinbidel bi 'il-liġi għajr il-liġi tat-trade marks applikabbli fl-Istat tal-EFTA kkonċernat jew tal-Ftehim dwar iż-ŻEE'.

(d) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-Artikoli 5(2)(a)(i), (2)(b) u (3)(a), l-Artikolu 6, l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 44(3) u l-Artikolu 46(5), id-dispożizzjonijiet dwar it-trademark tal-UE ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA sakemm it-trademark tal-UE ma testendix għalihom.

(e) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-Artikolu 5(3)(c), il-kliem 'leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat' jinbidel b''leġiżlazzjoni taż-ŻEE jew il-liġi tal-Istat tal-EFTA kkonċernat'.

(f) L-Artikolu 10(4) ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA."

([1]) ĠU L 336, 23.12.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.

2. It-test tal-punt 9h (id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassar.

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva (UE) 2015/2436, kif rettifikat permezz tal-ĠU L 110, 26.4.2016, p. 5, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

---

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 28/2020

## tas-7 ta’ Frar 2020

## li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/306]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu ([1]) u l-infurzar tagħha għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XVIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32m (id-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XVIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“32n. **32013 L 0054**: Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-Bandiera għal konformità mal-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 1).”

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva 2013/54/UE bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta’ Frar 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Clara GANSLANDT

([1]) ĠU L 329, 10.12.2013, p. 1.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 29/2020**

**tas-7 ta' Frar 2020**

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2023/307]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar l-iżviluppi fil-governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka tas-26 ta' Mejju 2010 ([1]), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel li l-Kumitat tar-Riċerka Xjentifika u Teknika (CREST) kellu jingħata isem ġdid bħala l-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER). Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-ħidma konsultattiva għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka tat-30 ta' Mejju 2013 ([2]), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ukoll li l-KŻER jingħata isem ġdid bħala l-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER).

(2) Skont l-Artikolu 1(4) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, ir-rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA għandhom ikunu assoċjati mal-ħidma tal-CREST, u din id-dispożizzjoni jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata biex tirrifletti li din il-kooperazzjoni għandha ssir fil-KŻER,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(4) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

'Mogħtija n-natura partikolari tal-kooperazzjoni prevista fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku, ir-rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA għandhom b'żieda ma' dan ikunu assoċjati fix-xogħol tal-Kumitat taż-Żona tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ERAC) u u kumitati oħra tal-Unjoni li l-Kummissjoni Ewropea tikkonsulta f'dawn l-oqsma, safejn ikun meħtieġ għall-funzjonament tajjeb ta' din il-kooperazzjoni.'

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2020.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

([1]) Dok. 9067/10.

([2]) Dok 10331/13.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT